# QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI
# (SEDE SUPERJURI)

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**ONOR. IMĦALLEF GIOVANNI M. GRIXTI**

**Illum l-Erbgħa 22 ta' Mejju 2024**

**Att ta` l-Akkuża Nru. 7/2023**

**Ir-Repubblika ta` Malta**

**vs**

**Faisal Mohammed M. Wadi**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba mill-Avukat Ġenerali fl-Att ta'l-Akkuża bin-numru 7 tas-sena 2023 kontra Faisal Mohammed M. Wadi detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 37956A:

> **Fl-Ewwel Kap,** talli fis- sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jew fil-jiem ta' qabel f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer assoċja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'dawn il-gżejjer jew barra minn dawn il-gżejjer sabiex ibiegħu jew jittraffikaw f'dawn il-gżejjer droga (Herojina), bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw tali assoċjazzjoni.
>
> **Fit-Tieni Kap**, talli fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmienja (2008) jew il-ġranet ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer importa, jew ġiegħel li tiġi importata jew għamel xi ħaġa sabiex tigi importata mediċina perikoluża u ċioe' d-droga herojina f'Malta.

Rat n-nota ta'l-eċċezzjonijiet ta'l-akkużat Faisal Mohammed M. Wadi ppreżentata fis-06 ta' Marzu 2023.

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-05 ta' Settembru 2023.

Rat ir-rikors ta'l-appell mressaq mill-Avukat Ġenerali fii-12 ta' Settembru 2023 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tannulla s-sentenza appellata u minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-akkużat, u tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali għal prosegwiment tal-kawża odjerna u dana fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Rat ir-risposta tal-akkużat ippreżentata fit-08 ta' Novembru 2023.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi l-appell kien differiet għas-sentenza għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Marzu 2024.

Rat id-digriet tal-Qorti tat-23 ta' Frar 2024 fejn kienet ordnata is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza stante illi irriżultalHa illi s-sentenza appellata u ċioe' dik mogħtija mill-Qorti Kriminali fil-05 ta' Settembru 2023 u li tinsab inserita in atti ma hijiex iffirmata la mill-Imħallef sedenti l-ġuri u lanqas mid-Deputat Reġistratur, u ukoll illi d-*decide* f'din is-sentenza huwa differenti minn dak li jagħmel referenza għalih l-Avukat Ġenerali fir-rikors ta'l-appell.

Semgħet trattazzjoni kemm mill-appellant Avukat Ġenerali, kif ukoll mid-difensur tal-appellat limitatament fuq dan id-difett proċedurali sollevat mill-Qorti *ex officio*.

**Ikkunsidrat:**

**1**.Illi l-appell rimess għal ġudizzju ta' din il-Qorti kien imressaq mill-Avukat Ġenerali nhar it-12 ta' Settembru 2023 u dan meta ddikjara li qed iħossu aggravat bis-sentenza tal-Qorti Kriminali li permezz tagħha l-ewwel eċċezzjoni imressqa mill-akkużat kienet milqugħa, fejn dik il-Qorti iddikjarat in-nullita' tal-atti tal-kumpilazzjoni, kif ukoll ta'l-Att ta'l-Akkuża.

**2**. Illi l-eċċezzjoni sollevata mill-appellat kienet taqra hekk:

> **"Il-proceduri kollha tmexxew kontra l-persuna tal-akkuzat bl-isem hekk kif postulat fl-Att t'Akkuza odjern. Dana minkejja dak mistqarr mill-Qorti Kriminali nhar it-3 ta' Marzu, 2009 a fol. 334 u 335 fejn dik il-Qorti hekk kif prreseduta gharrfet li l-isem korrett tal-akkuzat huwa hekk kif irrapurtat fil-conviction sheet esebita a fol. 12 tal-atti processwali ossia Faisal Musbah Ali Wadi. B'hekk illi l-Att t' Akkuza u l-atti tal-istruttorja huma nulli u bla effett stante li qeghdin jittrattaw persuna fittizja li ma hijiex il-persuna tal-akkuzat odjern u dana bi ksur tal-artikolu 589(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta."**

**3**. Illi wara li semgħet trattazzjoni mill-akkużat u mill-Avukat Ġenerali, l-Qorti Kriminali għaddiet għal prolazzjoni tas-sentenza fis-seduta ta' nhar l-24 ta' Jannar 2024. Issa minn eżami tas-sentenza li tinsab fl-atti proċesswali din taqra hekk fil-parti deċiżorja tagħha:

> **"In visa tas-suespost, din il-Qorti qedgha tichad l-ewwel eccezzjoni mmarkata bhala A1 mressqa mill-akkuzat. Izda, bil-poter moghti lil din l-istess Qorti bis-sahha tal-artikolu 597(1) tal-Kodici Kriminali, tordna korrezzjoni fl-Att ta' akkuza u cioe' kull fejn hemm referenza ghall-isem 'Faisal Mohammed Wadi' ghandu jigi mibdlu bis-segwenti: 'Faisal Mohammed Musbah Ali Wadi maghruf bhala Faisal Musbah Ali Wadi jew Faisal M,ohammed M. Wadi'.**
>
> **Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda tordna sabiex l-akkuzat jigi notifikat bl-att ta' Akkuza kif korretta u tiddiferixxi l-kawza ghal nhar 28 ta' Settembru 2023."**

**4.** Illi fl-appell minnu intavolat l-Avukat Ġenerali jindika, fir-rikors ta'l-appell, illi s-sentenza appellata tal-05 ta' Settembru 2023 hija *toto caelo* differenti minn dak li hemm deċiż fis-sentenza li tinsab fil-proċess u dan meta jindika illi l-Qorti Kriminali ddeċidet illi:

> **"Din il-Qorti rat il-verbal datat 25 ta' Gunju, 2009 fejn specifikament gie imnizzel li sar l-ezami mill-gdid tal-imputat u li Dr Arthur Azzopardi ghall-imputat ezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' x-xhieda diga' mismugha u dan dejjem salv ghad-dritt tal-kontro-ezamijiet u eccezzjonijiet li jistghu jsiru fi stadju opportun. Mkien mill-verbal ma jirrizulta li nqraw l-akkuzi jew li nghata digriet prima facie, u dan meta wiehed jiehu in konsiderazzjoni li fuq talba stess tal-Avukat Generali kien gie mitlub li l-kumpilazzjoni terga' tibda mill-gdid. Gialadarba l-kumpilazzjoni regghet bdiet mill-gdid kemm il-qari tal-akkuzi, kif ukoll id-digriet prima facie kellhom jergghu jsiru w li kieku d-difiza ma ezentatx lill-prosekuzzjoni milli terga' tisma' x-xhieda, dawn kien ikollhom jerghu jixhdu. Dan mhux xi kaz fejn gie verbalizzat li dan sar, izda ma jirrizultax mill-atti. Fil-kaz odjern la gie verbalizzat u lanqas ma jirrizulta mill-atti li nqraw l-akkuzi u li nghata digriet prima facie. Ghaldaqstant, stante li dan in-nuqqas iwassal ghan-nullita' kemm tal-atti kumpilatorji kif ukoll ghall-Att t'Akkuza ai termini tal-Artikolu 597(4) tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti, sejra tghaddi sabiex taghmel dan.**
>
> **Ghalhekk din il-Qorti, rinfaccata bin-nuqqas tal-qari tal-akkuzi u d-digriet li l-imputat ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza, ma tistax hlief tiddikjara l-att tal-kumpilazzjoni nulli u kwindi tiddikjara ukoll null l-Att ta' l-Akkuza odjern bhala null u bla effett filkonfront tal-akkuzat odjern u, wara li rat l-artikolu**

> **449(6) tal-Kodici Kriminali, tordna li l-akkuzat jerga' jigi imqieghed fl-istess stat li kien qabel ma gie prezentat l-att ta' l-akkuza."**

**5**. Illi l-Qorti ħadet avviż ġudizzjarju tas-sentenza li tidher *online* fuq is-sit elettroniku tal-Qorti *ecourts.gov.mt,* li hija l-istess waħda li l-Avukat Ġenerali jindika fir-rikors ta'l-appell tiegħu u li allura minn tali deċiżjoni ressaq talba għal reviżjoni.

**6**. Illi dan wassal sabiex meta din il-Qorti ġiet għal prolazzjoni tas-sentenza fuq l-appell mill-Avukat Ġenerali, irriskontrat diverġenza bejn dak li l-Avukat Ġenerali jindika li kienet il-parti deċiżorja tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-05 ta' Settembru 2023 u dik li hemm inserita in atti a fols.27 sa 38 tal-proċess. Mhux biss iżda lanqas kienet din il-Qorti f'posizzjoni tistabbilixxi liema kienet is-sentenza tal-Qorti Kriminali li kienet irreġistrata mid-Deputat Reġistratur, stante illi s-sentenza li hemm in atti ma ġġorx il-firma la ta'l-Imħallef u lanqas tad-Deputat Reġistratur.

**7.** Illi d-deċiżjonijiet tal-Qorti Kriminali u ta' din il-Qorti huma regolati bid-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 662 et.seq. tal-Kodiċi Kriminali fejn fl-artikolu 662(2) hemm hekk dispost:

> **Kull deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Qorti Kriminali li biha tiġi deċiża kwistjoni ta' liġi, għandu jkun fiha qabel kollox ir-raġunijiet li jkunu wasslu l-qorti għal dik id-deċiżjoni.**

Bl-artikolu 663(1) imbagħad jistipula *inter alia* illi:

> **Kull deċiżjoni tal-qorti għandha tingħata mill-imħallef jew maġistrat fil-qorti bil-miftuħ….**

Fejn fis-sub-inċiż (3) u (4), imbagħad, għal dan l-artikolu tal-liġi inisbu illi:

> **(3) Kull deċiżjoni tal-Qorti Kriminali għandha tiġi irreġistrata mir-reġistratur, u dak ir-reġistru huwa l-prova awtentika ta' dik id-deċiżjoni.**
>
> **(4) Ir-raġunijiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-aħħar artikolu qabel dan għandhom jiġu irreġistrati flimkien mad-deċiżjoni.**

**8**. Illi minn daqqa t'għajn lejn is-sentenza tal-05 ta' Settembru 2023 li tinsab fl-atti ma jidhirx li kien hemm ottemperanza ma' din id-disposizzjoni tal-liġi billi, kif ingħad, din la hija iffirmata mill-awtorita' gudikanti u lanqas mid-deputat reġistratur. Dan ifisser illi s-sentenza ma hijiex reġistrata kif trid il-liġi. Għalhekk, għalkemm fil-qorti bil-miftuħ setgħet inqrat sentenza li tirrifletti dak indikat fir-rikors ta'l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, madanakollu mhux biss dik li hija fl-atti hija kuntrarja għal dak li l-Qorti Kriminali ppronunzjat fl-awla meta tat s-sentenza kemm fil-parti deċiżorja tagħha, kif ukoll fir-raġunijiet li wassluHa għad-deċiżjoni, iżda ukoll din lanqas tista' titqies li qatt kienet irreġistrata skont il-liġi mir-reġistratur billi l-firem fuqha huma għal kollox nieqsa.

**9**. Illi huwa fl-interess pubbliku li tkun mħarsa ċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, sabiex b'hekk ikun mbiegħed il-periklu ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li allura permezz ta'l-istess ma tkunx waslet fi tmiemha l-*causa petendi* bejn il-partijiet fil-vertenza, li allura tibqa' miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza illi tkun ingħatat. Illi ma jistax jingħad illi dan il-għan kien milħuq permezz tas-sentenza tal-Qorti Kriminali billi għalkemm kien għad hemm miftuħ il-jedd tal-partijiet għal reviżjoni, b'tali decizjoni ma tkunx għada waħda finali u deċiżiva, madanakollu għal tali deċiżjoni igħoddu l-istess prinċipji għaliex altrimenti ġaladarba din l-inċertezza ma tkunx ħolqot stat bejn il-ko-litigandi, l-ebda parti ma tkun tista' teżerċita il-jedd li tagħtiha il-liġi li titob reviżjoni minn tali decizjoni.

**10**. Illi f'dan ix-xenarju probatorju, allura, mhux biss ma hemmx iċ-ċertezza tal-ġudikat, iżda ukoll l-Qorti tirriskontra n-nullita' tas-sentenza appellata stante illi din la hija iffirmata u lanqas kienet irreġistrata mir-reġistratur kif trid il-liġi sabiex b'hekk ma jistax jingħad illi din toħloq stat la bejn il-partijiet u lanqas fil-konfront ta' terzi.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiddikjara is-sentenza appellata tal-05 ta' Settembru 2023 nulla u bla effett fil-liġi. Tibgħat l-atti lura lil Qorti Kriminali sabiex is-sentenza tingħata skont il-liġi.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti**